

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq in-natura irregolari tad-deċiżjoni ta' eliminazzjoni tal-kumpannija Clestra Hauserman sa fejn din tirriżulta mit-twettiq tat-tieni proċedura ta' sejħa għal offerti mibdija b'mod irregolari skont l-avviż ta' kuntratt Nru 2016/S 215-391081 tat-8 ta' Novembru 2016 bħala segwenti għal proċedura ta' sejħa għal offerti inizjali li kienet wasslet għall-għoti tal-kuntratt lill-impriża rikorrenti.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-assenza ta' ġustifikazzjoni tal-ammissibbiltà tal-offerta tal-impriża li ngħatat il-kuntratt b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet relattivi għall-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji tal-impriża li ngħatat il-kuntratt (Artikoli 12 u 13 tal-ispeċifikazzjonijiet) u tad-dokumenti meħtieġa fi ħdan l-istedina għall-offerti (Artikoli I sa VI.G).
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-inammissibbiltà tal-offerta tal-impriża li ngħatat il-kuntratt sa fejn l-irregolarità tagħha kellha tiġi kkonstatata abbażi tan-natura anormalment baxxa tagħha u sa fejn minħabba dan l-għażla tagħha tikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' trasparenza, f'dak li jikkonċerna l-iżvolġiment tat-tieni proċedura ta' sejħa għal offerti.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2017 – Commune de Fessenheim et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-726/17)

(2018/C 013/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Commune de Fessenheim (Fessenheim, Franza), Communauté de communes Pays Rhin-Brisach (Volgelsheim, Franza), Conseil départemental du Haut-Rhin (Colmar, Franza) u Conseil régional Grand Est Alsace Champagne-Ardenne Lorraine (Strasbourg, Franza) (rappreżentant: G. de Rubercy, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-10 ta' Awwissu 2017 (GESTDEM 2017/2593) li tirrifjuta li tikkomunika l-ittra tal-Kummissjoni Ewropea tat-22 ta' Marzu 2017 lill-awtoritajiet Franċiżi fir-rigward tal-protokoll ta' kumpens tal-grupp EDF fir-rigward tal-abrogazzjoni tal-awtorizzazzjoni għall-operat taċ-ċentrali nukleari ta' Fessenheim.
- tordna lill-Kummissjoni Ewropea tikkomunika lir-rikorrenti l-imsemmija ittra tat-22 ta' Marzu 2017;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-dritt għal rimedju effettiv.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Ottubru 2017 – Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-730/17)

(2018/C 013/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja)
(rappreżentanti: M. Sfýri u C.-N. Dede, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni (C(2017) 5879 finali) tat-22 ta' Awwissu 2017 tas-Segretarju Ġenerali fisem il-Kummissjoni Ewropea, li tiċħad it-talba konfermattiva tar-rikorrenti għal aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea relatati ma' lista eżawrjenti tal-kuntratti speċifiċi kollha ffirmati bejn il-Kummissjoni u fornitur speċifiku matul l-aħħar sitt snin u għal kopja tat-talbiet għal stima kollha relatati ma' daww il-kuntratti speċifiċi.
- tordna lill-Kummissjoni li tipprovdi din l-informazzjoni b'mod ċar u komplet sabiex il-pubbliku u l-applikanti jkunu jistgħu jikkalkolaw in-numru ta' persuni-ġranet li l-fornitur speċifiku ffatura lill-Kummissjoni kull sena;
- tordna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż legali u spejjeż oħra tar-rikorrenti sostnuti fir-rigward ta' dan ir-rikors, anki jekk dan ir-rikors jiġi miċħud.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq nuqqas mill-konvenuta li twettaq evalwazzjoni individwali fir-rigward tad-dokumenti mitluba, bi ksur tal-Artikolu 4(6) u tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 ⁽¹⁾.
2. It-tieni motiv, li jsostni li ebda mill-eċċezzjonijiet għall-iżvelar taħt ir-Regolament Nru 1049/2001 ma tapplika fil-każ preżenti u li l-Kummissjoni naqset milli tissostanzja l-piż sproporzjonat li hija ssostni li jirriżulta minn eżami sħiħ u żvelar tad-dokumenti mitluba.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).